**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn, 14 ta` Dicembru 2020**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 363/2020 JZM**

**Kalkara Marina Company Ltd (C49452)**

***kontra***

**L-Avukat Dr Martin Fenech LLD u l-Prokuratur Legali Madeline Firman li b` digriet tas-16 ta` Lulju 2020 inhatru bhala Deputati Kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Peter Kosaurov**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fit-28 ta` Mejju 2020 u li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti tipprovdi diversi servizzi marittimi lill-proprjetarji ta`bastimenti, fosthom servizzi ta` irmigg (berthing) gewwa l-facilita` taghha tal-Marina fix-Xatt tal-Kalkara, Il-Kalkara.*

*2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet giet inkarigata mill-intimat Peter Kosaurov sabiex tippresta servizzi ta` irmiggjar ghall-bastiment bl-isem "M/Y Nautilus" bin-numru ta` rgistrazzjoni Hull N" NLALWBN 234F404 gewwa l-marina taghha gewwa ll-Kalkara.*

*3. Illi s-socjeta` rikorrenti, fuq talba tal-istess intimat, debitament forniet l-imsemmija servizzi ta` rmigg, kif ghadha taghmel sal-lum.*

*4. Illi l-intimat ghandu arretrati ta` mizati ghall-perjodu bejn id-19 ta` Lulju tas-sena 2017 u t-18 ta` Lulju tas-sena 2020 li komplessivament jammontaw ghas-somma ta` wiehed u ghoxrin elf tmien mija sebgha u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€21,847.36), kif jirrizulta mill-istatement tal-21 ta` Jannar 2020 (Dok A).*

*5. Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-ammont dovut l-intimat baqa` inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u ghaldaqstant l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` wiehed u ghoxrin elf tmien mija sebgha u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€21,847.36).*

*6. Illi dan id-debitu tal-intimat fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u fil-fehma taghha l-intimat m` ghandux eccezzjonijiet x` taghti.*

*7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*8. Illi hija taf dawn il-fatti personalment, u tinsab awtorizzata taghmel din id-dikjarazzjoni.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, in vista tal-fuq premess, titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*1. Tiddikjara lill-intimat bhala debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta` wiehed u ghoxrin elf tmien mija sebgha u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€21,847.36).*

*2. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-imsemmi ammont ta` wiehed u ghoxrin elf tmien mija seba` u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€21,847.36).*

*3. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tas-smigh a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta`Malta.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-bahar numru pprezentat kontestwalment ma` din l-azzjoni, u bl-imghax legali mid-data ta` meta inghataw is-servizzi tal-irmigg sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat illi fl-ewwel dehra tal-kawza li kienet fl-10 ta` Settembru 2020 akkordat lill-kuraturi deputati d-dritt li jipprezentaw risposta guramentata, wara li sabet li *prima facie* kellhom eccezzjonijiet x`jaghtu fil-ligi u fil-fatt xi jgibu kontra t-talbiet attrici.

Rat ir-risposta li pprezentaw il-kuraturi deputati fis-<u>16 ta` Settembru 2020</u> li taqra hekk :-

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti pprova jcempel lill-intimat fuq numru provdut lilu mill-avukat tar-rikorrenti u dan ghamlu darbtejn u minkejja li jdoqq u l-esponenti jhalli messagg dwar x`inhu ghaddej qatt ma rcieva risposta.*

*2. Illi l-esponenti ma ghandux aktar fejn jikkontattja lill-intimat.*

*3. Illi l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti hlief dawk esposti fic-citazzjoni u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri.*

*4. Illi minghajr, pregudizzju ghas-suespost l-esponenti qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni in partikolari l-artiklu 2149 tal-Kap 16.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet prezentata mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda tal-Av. Dr. Simon Galea Testaferrata fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020 u rat id-dokument li kien prezentat mix-xhud.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Ir-raba` (4) eccezzjoni</u>

Kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici abbazi tal-**<u>Art 2149 tal-Kap 16</u>**.

Id-disposizzjoni taqra hekk :-

> *L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn :*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta` bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta` bini iehor jew ta` xoghlijiet ohra ta` injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu.*

*(b) l-azzjonijiet tat-tobba, kirurgi, ostetrici u spizjara, ghall-vizti jew operazzjonijiet li jaghmlu jew ghall-medicini li jfornu.*

*(c) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkunu ghamlu.*

*(d) l-azzjonijiet tal-prokuraturi ad litem jew ta` prokuraturi ohra, jew mandatarji, ghall-hlas li jmisshom, ghall-ispejjez, li jaghmlu, ghall-indennizz lijkollhom jiehdu ghat-telf li jbatu, u ghar-radd tal-flus li johorgu minn taghhom.*

**Ghalkemm fl-eccezzjoni ma kienx indikat abbazi ta` liema mill-paragrafi tal-Art 2149 tal-Kap 16 kienet sollevata l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici, jidher li din tirreferi ghall-paragrafu (a).**

Fis-sentenza ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Stencil Pave (Malta) Ltd v. Dr Maria Deguara noe**" kien ritenut illi –

*"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista` tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmeri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

(ara wkoll "**Holland noe v. Chetcuti**" – Qorti tal-Appell – 25 ta` Frar 2000 ; "**Vella v. Cefai**" – Qorti tal-Appell - 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Portelli v. Psaila" -** Prim`Awla tal-Qorti Civili - 29 ta` Mejju 2003 ; "**Causon noe v. Sheibani**" – Qorti tal-Kummerc – 4 ta` Dicembru 1987 ; "**Camilleri v. Frendo**" (Kollezz. Vol. XII.144) u "**Borg v. Testaferrata Bonici**" – Qorti tal-Appell – 24 ta` Marzu 1958).

In partikolari fis-sentenza "**Causon v. Sheibani noe**" inghad illi "*min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacjenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri*

*ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Wara li l-eccipjent jaghmel il-prova, ikun imbaghad imiss lill-attur illi jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ma jkunx ghadda (ara "**Calleja v. Vella**" – Qorti tal-Appell – 15 ta` April 1964).

Tajjeb jinghad ukoll li l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe v. Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001). Il-preskrizzjoni hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b`mod li ma` jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Fil-kaz tal-lum, il-kuraturi deputati ma ressqu ebda provi in sostenn tal-eccezzjoni taghhom oltre dawk li jirrizultaw mill-atti, kif dikjarat mill-kuratur deputat Av. Martin Fenech fl-udjenza tal-10 ta` Novembru 2020.

Mill-provi in atti, inkluz ix-xiehda tal-Av. Dr. Simon Galea Testaferrata, jirrizulta li l-kreditu tas-socjeta` attrici jirrigwarda servizzi ta`rmigg li kienu prestati lil "M/Y Nautilius" li jappartjeni lill-assenti Peter Kosaurov.

**Il-qorti tqis illi l-eccezzjoni hija nfondata :-**

**Fl-ewwel lok** jirrizulta ppruvat li s-servizzi prestati mis-socjeta` attrici kienu ghal rmigg biss ;

**Fit-tieni lok** jirrizulta li l-paragrafu (a) tal-Art 2149 jirreferi ghal azzjonijiet *tal-bennejja ta` bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar.* Ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici kienet ikkommissjonata sabiex tibni bastiment jew bicca ohra tal-bahar lil Peter Kosaurov ;

**Fit-tielet lok**, ebda wiehed mill-paragrafi tal-Art 2149 jkopri l-hlas ghal servizzi ta` rmigg reklamat mis-socjeta` attrici fil-kawza tal-lum.

**Ghalhekk qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici abbazi tal-paragrafi kollha tal-Art 2149 tal-Kap 16.**

## III. Mertu

L-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma ben korraborati mid-dokumenti li kienu prezentati bhala prova.

Komplew jigu kkonfermat mix-xiehda ta` Av. Dr. Simon Galea Testaferrata.

Dawk it-talbiet attrici jsegwu l-premessi tar-rikors guramentat.

Il-provi attrici ma kienu bl-ebda mod kontradetti, u jirrizulta li huma ppruvati ghas-sodisfazzjon taghha sal-grad rikjest mil-ligi.

## IV. L-imghax legali

Is-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas tal-imghax legali b`effett mid-data ta` meta nghataw is-servizzi tal-irmigg sad-data tal-hlas effettiv.

Tajjeb jinghad li l-azzjoni attrici mhijiex *actio in rem* izda *action in personam.*

Il-kreditu taghha kontra Peter Kosaurov huwa civili u ghalhekk il-hlas tal-imghax mhuwiex regolat bis-subartikolu (1) tal-Art 1141 tal-Kap 16.

**Ghalkemm huwa dovut imghax, dan ghandu jithallas skont kif jipprovdi s-<u>subartikolu (2) tal-Art 1141 tal-Kap 16</u>.**

**Fil-kaz tal-lum, ghalkemm fil-hames (5) paragrafu tar-rikors guramentat, jinghad illi s-socjeta` attrici ghamlet *diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas tal-ammont dovut* ma jirrizultax li l-interpellazzjonijiet saru b`att gudizzjarju.**

**Fl-assenza ta` din il-prova, il-qorti sejra takkorda t-talba ghall-hlas tal-imghax b`effett mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-kuraturi deputati u cioe` b`effett mis-27 ta` Awwissu 2020 sad-data tal-effettiv pagament.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-Art 2149 tal-Kap 16 kif dedotta fir-raba` (4) eccezzjoni.**

**Tipprovdi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, u dwar it-talbiet attrici billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel (1) talba, tiddikjara lill-konvenut assenti Peter Kosaurov bhala debitur tal-kumpannija attrici fl-ammont ta` wiehed u ghoxrin elf tmien mija sebgha u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€21,847.36).**

**Riferibbilment ghat-tieni (2) talba, tikkundanna lill-konvenut assenti Peter Kosaurov sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` wiehed u ghoxrin elf tmien mija sebgha u erbghin ewro u sitta u tletin centezmu (€21,847.36) bl-imghax legali b`effett mis-27 ta` Awwissu 2020 [data tan-notifika tar-rikors guramentat lill-kuraturi deputati] sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna l-hlas tal-kuraturi deputati skont il-ligi.**

**Tikkundanna lill-konvenut assenti Peter Kosaurov sabiex ihallas l-ispejjez ta` din il-kawza inkluzi dawk tal-mandat ta` arrest ta` bcejjec tal-baharipprezentat kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**